TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Saviour u Antida Vella

vs

Forestals Group of Companies

CCT/77/18

06 ta' Marzu 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fl-24 ta' Mejju 2018 fejn talbu r-rifuzjoni ta' hamsa u tletin Euro, prezz ta' remote control mixtri minghand l-azjenda intimata, liema remote control waqaf jahdem.

Ra illi l-azjenda intimata, debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma dahlet l-ebda risposta u rapprezentant taghha qatt ma deher quddiem dan it-Tribunal biex jaghti l-versjoni tieghu, la fil-5 ta' Settembru 2018 u l-anqas meta s-seduta giet differita ghas-7 ta' Novembru 2018.

Ra l-verbal tas-7 ta' Novembru 2018 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu, ghas-6 ta' Marzu 2018.

Ra illi ma kien hemm l-ebda ostakolu ghal prolazzjoni tas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fis-26 ta' Lulju 2016 ir-rikorrenti xtraw television (LCD TCL 32B2803/3803 LED USB) kopert b'garanzija ta' sentejn, ghal prezz ta' €189.00 minghand l-azjenda intimata. Ir-rikorrent Saviour Vella, li xehed f'dawn il-proceduri, jghid illi ghal habta ta' Jannar 2018 - u allura sena u nofs wara - ir-remote control waqfet tahdem u kien kiteb ittra lill-azjenda intimata, pero' ma recevhiex risposta. Ghalhekk kien mar ghand l-azjenda intimata fejn qalulu li ma kienx hemm garanzija fuq ir-remote control u kienu offrulu wiehed gdid ghal prezz ta' €32.00, liema offerta ma gietx accetata mir-rikorrenti peress illi xorta l-gdid ma kienx ha jkun kopert bil-garanzija. Ir-rikorrent argumenta li r-

remote control huwa parti mit-television u ghalhekk ghandu jkun hemm garanzija fuq kollox.

Illi peress illi t-Tribunal m'ghandux il-konfort tal-versjoni moghtija mis-socjeta' intimata illi b'turija ta' disprezz lejn dan it-Tribunal ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru quddiemu meta kienu notifikati u mitluba jaghmlu hekk, irrid joqghod fuq il-versjoni moghtija mir-rikorrent. Fil-versjoni tieghu kien lejali meta qal illi gie nfurmat illi ma kienx hemm garanzija fuq ir-remote control imma kif sewwa qal hu, ir-remote huwa parti mit-television u allura jekk kien xi tip ta' disclaimer kien jinkombi fuq is-socjeta' intimata li ggib il-provi taghha. Dan m'ghamlitux u ma hemm xejn fid-dokumenti esebiti illi b'xi mod jeskludi ir-remote. U ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom ragun.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lis-socjeta' intimata illi thallas lir-rikorrent l-ammont ta' €35.00. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbirtru